**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Jonathan Grima, detentur tal-Karta tal-Identità numru I.D 265478M.**

***Kaz. Nru. 546/2025***

Illum, 16 ta' Ġunju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jonathan Grima** u ċioè talli:

**Nhar it-3 ta' Novembru 2024 għal ħabta ta' 0000hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa 'Havana Club' li jinsab ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan.**

1) Bħala persuna responsabbli mill-istabbiliment magħruf bħala 'Havana Club' , li jinsab fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, ħallejt jidħlu persuni ta' taħt l-eta' ta' sbatax-il sena jidħlu ġewwa l-imsemmi stabbiliment.
*Reg.6(1) L.S.10.40*

2) Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, għal perjodu ta'

żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali. Art.30 Kap.9

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiża resqet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tenut kont li l-imputat ma ġiex notifikat fil-perjodu trimestrali kif kontemplat bl-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkunsidrat,

L-ewwel imputazzjoni hi dik kontemplata bir-regolament 6 tar-***Regolamenti biex jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (L.S.10.40)*** li jipprovdi:

> **6.(1)** Persuni taħt l-età ta' sbatax-il sena ma għandhomx jitħallew jidħlu ġewwa lokalità ta' divertiment, u żgħażagħ li jkollhom iktar minn sbatax-il sena għandhom qabel ma jidħlu f'dik il-lokalità joħorġu u juru dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħhom lill-proprjetarju.

Issa il-frażi "propjetarju" tfisser:

> "proprjetarju" dwar kull divertiment tfisser il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli għall-organizzazzjoni jew għat-tmexxija tiegħu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidħol minnu, u kull persuna li f'isimha jiġu riċevuti ħlasijiet għal divertiment ........ [1]

Mill-Affidavit ta' Malcolm Zerafa, in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority, il-persuna li fuqha hu liċenzjat l-istabbiliment Havana hu l-imputat.

Ikkunsidrat,

---

[1] Regolament 2

Illi r-regolament 15 tar-***Regolamenti biex jinżamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (L.S.10.40)*** jipprovdi għal-piena ta' multa:

> 15.(1) Fil-każ ta' reati magħmulin minn propretarju jew l-impjegati tiegħu kontra dawn ir-regolamenti, il-qorti għandha meta ssib persuna hekk ħatja tagħti **multa** ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000), .......

L-imputat ressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in vista ta' dak kontemplat bl-artikolu 318 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija Kriminali, Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn l-għemil sanċit hu klassifikat bħala kontravvenzjoni.

> **318.**Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jew ta' ordni jew regolament mogħti jew magħmul mill-awtorità kompetenti, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor, bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi, sew billi jagħmel dak li hu pprojbit li jagħmel, kemm billi jonqos li jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel, jew billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel jew li jista' jagħmel jew billi jħassar jew iġib fix-xejn dak li ħaddieħor ikun għamel, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ordni jew regolament, jew b'xi mod ieħor, isir ħati ta' <u>kontravvenzjoni</u>.

Hu prinċipju stabbilit li l-istitut tal-preskrizzjoni hu ibbażat fuq il-piena li jġorru r-reati, fejn aktar mal-piena togħla, aktar jiżdied it-terminu preskrittiv. Il-**Professur Anthony J. Mamo** fin-Notes of Criminal Procedure jgħallem:

> <u>Second Rule</u> – The time fixed by law for the completion of precription is not always the same. **The length of time varies in direct proportion to the gravity of the offence and of the punishment which it attracts. ......**
>
> For the purpose of these various times regard is had, according to our law, to the punishment for which the offece is ordinarily subject, irrespective of any excuse or particular circumstance on account of which the offence must, according to law, be subject to a lower punishment. Nor, on the other hand, is regard had to any increase of punishment by reason of relapse. ....

Issa l-artikolu 319 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jipprovdi li

> ...... għal kull kontravvenzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, tista' tagħti kull waħda mill-pieni stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet, sew separatament kemm flimkien, jew, jekk fil-fehma tal-qorti r-reat ikun jistħoqq piena akbar, tista' tagħti l-piena tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar.

L-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> (e). l-egħluq ta' sentejn għad-**delitti** suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Jirriżulta li mhux ċar liema terminu preskrittiv japplika f'każijiet fejn kontravenzjonijiet iġorru piena ta' multa jew priġunerija; pieni riservati ghal delitti bl-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Kriminali u mhux dawk ta kontravenzjonijiet skond l-artikolu 7(2) tal-Kodiċi.

Jibqa' fatt inkontestat li fid-dritt penali l-interpretazzjoni li tingħata minn min irid jiġġudika għandha tkun waħda restrittiva u, aktar importani minn hekk, dik l-interpretazzjoni għandha tkun dik l-iktar favorevoli għall-imputat.

Issa ma jistax ma jiġix ikkunsidrat ukoll li fejn il-leġislatur ħaseb għall-pieni mhux normalment assoċjati ma delitti dan qalu **b'mod espliċitu**. Fil-fatt fl-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali appena ċitat issir riferenza għal delitti li jġorru piena ta' kontravvenzjoni. Hu notevoli li *a contrario sensu,* u ċioè xi tkun il-preskrizzjoni f'każ li kontravvenzjoni igorr piena normalment merfugħa għal delitt, il-Kodiċi jibqa' sieket.

Għalhekk kunsidrat dak suespost, il-Qorti tqis li t-terminu preskrittiv għall-reati mnissla mill-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, it-termini preskrittiv, sakemm mhux provdut xort' oħra f'dawk ir-Regolamenti, hu dak riservat għall kontravenzjonijiet u ċioè dak ta' tlett xhur skond kif kontemplat bl-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali kif jisħaq l-abbli difensur tal-imputat.

Dan ifisser li t-terminu preskrittiv kien jagħlaq fit-3 ta' Frar, 2025 meta l-imputat ġie notifikat fis-17 ta' Frar, 2025.

Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi akkolti u konsegwentement l-imputat qed jiġi liberat minn kull ħtija w piena.

In vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulha il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lil Onor. Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u lil Avukat Ġenerali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**